MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 42/2021 LM

**Carla Maria Parodi Iribarren**
**(Detentriċi tal-Passaport tal-Venezuela Numru 136385374)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
**(L-Aġenzija Identity Malta), u l-Bord tal-Appell dwar l-Imigrazzjoni**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Carla Maria Parodi Iribarren (detentriċi tal-Passaport tal-Venezuela Nru. 136385374)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tas-26 ta' April, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-

deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddikjara null l-appell ippreżentat minnha fil-konfront tad-**Director of the Department For Citizenship and Expatriate Affairs** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellat'], wara li ra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-L.S. 217.17, u astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw *Single Permit Application* li kienet ressqet l-appellanta lill-Aġenzija Identity Malta, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda permezz tad-deċiżjoni kkomunikata lilha fl-4 ta' Awwissu, 2020 għar-raġuni li l-prinċipal prospettiv tagħha kien naqas milli jwieġeb it-talba għall-informazzjoni ulterjuri

## Mertu

3. L-appellanta istitwiet proċeduri ta' appell quddiem il-Bord permezz ta' ittra tal-avukat difensur tagħha tat-3 ta' Settembru, 2020, fejn sostniet li safejn taf hi, la hi u lanqas il-prinċipal tagħha, ma kienu rċevew korrispondenza ulterjuri mingħand l-Aġenzija Identity Malta.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord caħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"<u>Submissions filed, evidence produced and considerations</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observes that Identity Malta Agency issued its decision on 4th August 2020 and the appeal was filed on 21st August 2020.*

*Article 25A(7) of the Immigration Act stipulates that appeals must be filed within three working days from the issuing of the decision subject to appeal. This appeal was filed well outside the applicable time limit. Furthermore, no reason for the late filing of the appeal was provided."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Mejju, 2021 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li tordna lill-Bord sabiex jikkonsidra mill-ġdid it-talbiet tagħha. Tgħid li tħossha aggravata b'dik id-deċiżjoni għaliex (a) il-Bord interpreta ħażin il-liġi meta qal li skont is-subartikolu 25A(7), appell kontra deċiżjoni tal-Awtorità appellata kellu jiġi ntavolat fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tingħata d-deċiżjoni tagħha; (b) inkisru l-prinċipji ta' imġiba amministrattiva tajba *ai termini tal*-artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-Bord iddeċieda li m'għandux jieħu konjizzjoni tal-appell tal-appellanta.

**Ir-Risposta tal-Appell**

6. L-appellati wieġbu fil-11 ta' Mejju, 2021 fejn filwaqt li b'mod preliminari eċċepew li l-Bord mhux il-leġittimu kontradittur, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, sostnew li l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti qabel xejn ser tindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-appellati, fejn dawn qegħdin jikkontendu li l-appellat il-Bord għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li huwa mhumiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Tikkonsidra li l-Bord huwa proprju t-tribunal li quddiemu l-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta u li ddeċieda l-istess appell. Il-Bord qatt ma kien parti f'dawk il-proċeduri u huwa kien proprju dak li kien sema' u ddeċiedihom, u għaldaqstant l-appellanta ma setgħet qatt tressaq l-appell tagħha fil-konfront tiegħu. Hija setgħet biss tirrikorri quddiem din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni sabiex tissindika d-deċiżjoni appellata kif mogħtija mill-imsemmi Bord fil-konfront tal-intimata. Tirrileva li ma jistax ikun mod ieħor, għaliex id-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti ma tista' qatt torbot lill-Bord bħala parti, iżda biss bħala ġudikant.

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-ewwel aggravju tal-appellanta. Din tal-aħħar qiegħda ssostni li l-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjara li skont is-subartikolu 25A(7) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, appell kontra deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta għandu jiġi

ntavolat fi żmien tliet ijiem ta' xogħol minn meta tingħata dik id-deċiżjoni. Tikkontendi li t-terminu legali għandu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-appellanta saret taf b'dik id-deċiżjoni appellata, iżda l-Bord minflok ħa in konsiderazzjoni d-data ta' dik id-deċiżjoni.

9. Dwar dan l-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellati jissottometti li d-deċiżjoni in kwistjoni kienet ingħatat u ġiet anki kkomunikata lill-appellanta fl-4 ta' Awwissu, 2020. Filwaqt li huma jagħmlu riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(7) tal-Kap. 217, li jirrikjedu li appell min deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta għandu jsir fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, jirrilevaw li hija proprju l-appellanta li qiegħda tammetti hawn li hija rreġistrat l-appell tagħha fil-21 ta' Awwissu, 2020, filwaqt li ntavolat l-istess appell fil-5 ta' Settembru, 2020.

10. Il-Qorti tgħid li s-subartikolu 25A(7) tal-Kap. 217 jipprovdi kif ġej:

> *"7. Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell:*
>
> *Iżda l-perijodu applikabbli għal preżentazzjoni ta' appell li jkun marbut mar-rifjut, l-annullament jew ir-revoka tal-viża għandu jkun ta' ħmistax-il ġurnata."*

11. Tirrileva li s-subartikolu in kwistjoni jagħmel ċar li t-terminu ta' appell ta' tliet ijiem għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni stess. Fil-każ odjern l-appellanta naqset mhux biss milli tipproduċi evidenza, iżda wkoll milli tispjega li hija fil-fatt irċeviet id-deċiżjoni f'data sussegwenti għal dik indikata fuq l-istess deċiżjoni, skont kif qed tallega.

12. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu, u ġaladarba dan iwassal sabiex l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta għandu jitqies null, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tikkonsidra l-aggravji sussegwenti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha kontra l-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**